## Minuti tad-dsatax (19)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur
## Nhar il-Ħamis 13 ta' Ġunju, 2013 fil-5:00 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Josianne Cutajar kienet skużata.

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru tmintax (18) tas-seba' Kunsill ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Korsijiet fis-Sajf.** Ser isiru l-korsijiet tal-mosaic, art attack, bizzilla, beading u ħansa matul ix-xhur tas-sajf. Dawn qegħdin jiġu organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill ħareġ l-applikazzjonijiet għall-erbatax il-kors iżda ma kienx hemm biżżejjed parteċipanti għall-korsijiet kollha. Barra dawn il-korsijiet il-Kunsill qed jorganizza c-Child Day Care Centre ukoll. Dawn ser issiru fl-iskola primarja tan-Nadur.

4. **Ikla Tradizzjonali ta' l-Imnarja.** Il-programm tal-entertainment għal din is-serata huwa lest. Ir-rebbieħ tal-Malta Song for Europe, Gianlucca Bezzina ma jistax jattendi minħabba mpenji oħra. Il-Kunsill ħa ħsieb jistieden lil Chiara bħala 'Special Guest" għal din is-serata.

5. **Siġar.** Reġgħet tqajmet il-problema tal-ħsarat li qed jghamlu l-għeruq tas-siġar li hemm fil-Pjazzetta kif ukoll fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Ma jidirhx li hemm soluzzjoni għalihom. Meta sar ix-xogħol fil-pjazzetta l-Kunsill kien ħa ħsieb li jsir gandott bil-konkos bejn is-siġar u d-djar iżda il-problema xorta baqat. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ma ngħatax permess biex jiżbor is-siġar tal-Pjazza qabel l-Imnarja. Dan kien issir kull sena sabiex ma jkunx hemm tfixkil lill-armar tal-festa fil-Pjazza. Din is-sena l-Kunsill kellu japplika mal-MEPA biex issir ż-żbir u dawn ma tawx il-permess meħtieg biex jinżabru.

6. **Korrispondenza.**

(4575) Email mingħand Derek Meilak dwar attivita fil-bajja ta' Dahlet Qorrot fis-27 ta' Lulju 2013

**Charles Said, Sindku**  **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

(4576) Email minghand Anton Miceli, Project Manager, Malta Carnival dwar id-dati tal-Karnival
(4577) Email mingħand Sullivan & Sullivan dwar Karnival ta' Malta 2014
(4578) Ittra mill-Ghaqda Triq Dicembru 13 dwar permess biex tingħalaq Triq Dicembru 13
(4579) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq il-Madonna ta' Fatima
(4580) Ittra mill-Arcipriet Jimmy Xerri dwar dramm li se jrir fil-Pjazza nhar is-Sibt 15 ta' Gunju
(4581) Ittra mill-MEPA dwar zbir ta' sigar fil-pjazza
(4582) Ittra mit-Transport Malta dwar applikazzjoni għal Reserved Parking
(4583) Ittra ta' Permeess mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
(4584) Email mill-MaLIA dwar dvds fil-librerija pubblika
(4585) Management Letter Financial Year 2012
(4586) Ittra mill-Kumitat Celebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali
(4587) Email mis-Studio Seven dwar produzzjoni ta' Miss Malta
(4588) Memo 9/2013 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet tal-Life Long Learning 2013-2014
(4589) Memo 10/2013 Kuntratti tal-Kunsilli Lokali

7. **Miss Malta Production.** Il-Kunsill irċieva email mingħand Studio Seven li ser jorganizzaw il-kompetizzjoni tal-Miss Malta. Huma ser jagħmlu diversi serati waħda minnhom minn Nadur. Dan ser issir nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Huma nformaw lill-Kunsill li l-palk ser ikun quddiem it-taraġ taz-zuntier. Il-Kunsill għandu jissuggerixxi li l-palk ikun fil-ġenb tal-pjazza, man-naħa tal-għassa,sabiex it-taraġ tal-Knisja ma jiġix blokkjat. Il-Kunsill ser jitlob biex l-armar u żarmar issir il-Ħadd filgħaxija (armar) u it-Tnejn filgħaxija (ż-żarmar).

8. **Playing Fields.** Il-Kunsill ġie informat li jridu jitwaħlu tabelli li jinformaw lil-pubbliku li t-tipjip fil-playing fields huwa projbit. Il-Kunsill kien diġa waħal dawn it-tabelli iżda ħafna minnhom ġew vandalizati jew misruqa. Il-Kunsill ser jerġa jordna tabelli għat-tlett playing fields.

9. **Daħlet Qorrot.** Il-Kunsill irċieva talba għall-permess għall- barbeque fit-28 ta' Gunju. Il-Kunsill ma qabilx li jingħata permess peress li huwa fiż-żmien tal-festa ta' San Pietru u San Pawl, propju lejliet il-festa. Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir attivita fil-bajja ta' Daħlet Qorrot fis-27 ta' Lulju. Din saret minn l-istess organizzaturi li riedu jagħmlu l-attivita' tax-xalatta, l-ghada tal-festa. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din l-attivita u ssuġġerixxa li l-organizzaturi jagħtu donazzjoni lin-Nursery tan-Nadur Youngsters Football Club. B'hekk in-Nadur ikun qed jieħu xi ħaġa lura minn dawn l-attivitajiet li qed isiru fl-ispazji pubblici tiegħu.

10. **Karnival 2014.** Il-Kunsill qabel li peress li hemm għajdut li ser ikun hemm aktar minn Karnival wieħed matul is-sena 2014 – fin-Nadur għandu jiġi ċċelebrat dak tradizzjonali li huwa qabel iż-żmien tar-Randan jiġifieri fi Frar/Marzu.

11. **Kunċert tal-Banda Mnarja.** Il-Viċi Sindku qal li wasal iz- żmien li l-Kunsill jagħmel evalwazzjoni ta' l-attivita tal-kunċert li jsir mill-Banda Mnarja fi żmien il-festa u sehem il-Kunsill f'din l-attivita.

**Charles Said, Sindku**  **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

12. **Triq Diċembru 13.** Il-Kunsill irċieva talba għall-permess biex tingħalaq Triq Cimcem fil-ġimgħa tal-festa sabiex jintrama il-pedistall. Il-Kunsill approva din it-talba.

13. **Dramm.** Fl-okkazzjoni tat-325 sena mit-twaqqif tal-paroċċa ta' San Pietru u San Pawl, ser jittella' dramm fuq il-hajja ta' San Pietru u San Pawl mill-Parroċċa tan-Nadur nhar is-Sibt 15 ta' Gunju . Il-Kunsill irċieva talba mill-Arċipriet għal għajnuna finanzjarja għal dan il-għan. Il-Kunsill ma jistax jisponsorja dawn it-tip ta' attivitajiet u l-Kunsill ġie informat tard sabiex jikkollabora mal-Parroċċa f'din l-attivita'. Is-Sindku qal li kieku il-Kunsill kien informat qabel din l-attivita kienet issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill min flokkxi attivitajiet oħra. Apparti dan il-Kunsill ser ikun qed itelgha wirja ta' Arti Sagra u produzzjoni awdjovizwali biex ifakkar dan l-anniversarju fil-hajja tal-Parocca. Gie deciz li jitħallsu l-ispejjes konessi mas-seating ta' din l-attivita sal-ammont ta' €250.

14. **Librerija.** F'laqgħa preċedenti l-Viċi Sindku talab hux possibbli li fil-librerija tan-Nadur jibda jkun hemm DVD's li wieħed jista jissellef bħal kotba. Il-Kunsill talab il-parir tal-Malta Library & Information Association (MaLIA) dwar dan. Huma informaw lill-Kunsill li din hija diffiċli li ssir minhabba ragunijiet tal-copyrights fost l-ohrajn.

15. **Dipartiment tal-Kultura.** Il-Kunsill irċieva email mid-dipartiment tal-Kultura dwar kotba li ser jitqasmu lit-tfal ta' Years 4 u 5 dwar il-festa tas-Sette Giungo. Huma talbu lil-Kunsill iħallas il-kotba li ser jitqasmu f' din l-okkazazzjoni. Il-Kunsill ma rax il-kotba li ser jitqasmu u ma ġiex informat dwar l-ispiza totali ta' dawn il-kotba.

16. **Korsijiet Life Long Learning.** Il-Kunsill irċieva Memo dwar il-korsijiet tal-Life Long Learning. Il-Kunsill ser jiehu hsieb jorganizza l-korsijiet tat-Taljan, Franċiżi, Malti għal barranin, u Ingliż.

17. **Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill ħaraġ diversi kwotazzjonijiet inkonnessjoni mal-attivitajiet tal-festa ta' l-Imnarja. Dawn kienu:

Sistema tal-PA:

| | |
|---|---|
| Pro Stage Sound | €2450.00 |
| Power Sound | €2351.00 |
| Cloud 9 | €995.00 |

Peress li l-Kuntrattur Cloud 9 huwa ġdid il-Kunsill ivverifika mad-Dipartiment tal-Kultura jekk dan il-kuntrattur inghatax xi drabi l-okazzjoni jarama f' attivitajiet organizzati minnu. Huma vverifikaw li kellhom xi attivitajiet fejn

intuża s-servizz tieghu w dan kien tajjeb. Il-Kunsilliera għażlu l-kwotazzjoni l-aktar vantaġjuża li hija ta' Cloud 9.

Sistema tad-dawl:

D'Illumination €422.60
Sourcelite €405.00 MHUX L-ATTIVITAJIET KOLLHA

Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' D'Illumination peress li din kienet tkopri l-attivitajiet kollha.

Tindif tat-toroq:

| | |
|---|---|
| Sharlon Mercieca | €1960.00 |
| TC Cleaning Services | €3050.00 |

Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' Sharlon Mercieca li hija l-aktar waħda vantaġuża.

18. **Offerta ta' Litter Bins għall-Pjazza San Pietru u San Pawl.** Il-Kunsill għamel talba għall-fondi tal-Urban Improvement Fund sabiex ikun jista jibdel il-bins ta' l-iskart li hemm fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Sabiex ikolna stima tal-bins il-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti. Il-Kunsill irċieva dawn l-offerti:

| | |
|---|---|
| Rapa Showrooms | €22,200.00 |
| SR Environmental Solutions | €17,988.00 jew 9,192.00 |
| JGC Ltd. | €6,300, jew 7,200. |

Il-Contract Manager ser jingħata kopja ta' l-offerti sabiex jiġu evalwati.

19. **Permessi f'Attivitajiet Barra.** Il-Kunsill qed jircievi diversi applikazzjonijiet għall-attivitajiet kbar barra (bhal Daħlet Qorrot, San Blas, eċċ). Inħass il-bżonn li l-Kunsill joħroġ regolamenti dwar dawn l-attivitajiet. Il-Kunsilliera għamlu dawn il-punti:

i. Ma ssirx aktar minn attivita' waħda fl-istess jum u ħin, jekk ma jkunx hemm cirkustanzi eċċezzjonali.

ii. Minn japplika l-ewwel jieħu l-permess. Issir attivita' waħda biss f'xaħar (fl-istess post).

iii. għandha issir donazzjoni mill-organizzaturi lil xi għaqda tar-raħal, liema ghaqda tigi identifikata mill-Kunsill, meta jsir attivita kbira ta' massa fl-apert Dan jkun bħala kumpens ghall-iskomdu mahluq lir-residenti tan-Nadur, mill-istess attivitta .

iv. Il-Kunsill ma jkunx responsabbli għall-ebda ħsarat jew inċidenti li jistgħu jsiru waqt l-attivita jew minħabba l-attivita. L-organizzaturi huwa responsabbli li jkollhom l-assikurazzjoni meħtieġa.

v. l-organizzatur għandu jinżamm responsabbli għat-tindif ta' wara l-attivita. Fejn ikun hemm bżonn anke ħasil ta' l-area użata.

vi. l-organizzaturi għandhom jġibu l-permessi kollha meħtieġa qabel ma jinħareġ il-permess tal-Kunsill. ( Pulizija, Mepa ect. )

**20. Affarijiet Oħra.** Maria Natoli nformat lill-Kunsill li hi rċiviet talba sabiex tinbidel bankina f 'Tal-Ħali. Is-Segretarja nformat lil-Kunsill li f'din l-area l-bankini huma tal-konkos u l-Ministeru għal Għawdex (fil-aminnistrazzjoni preċedenti) kien beda jibdel dawn il-bankini u jagħmilhom bil-madun. Il-Kunsill m'għandux jibdel bankini jekk mhux meħtieġ għaliex kull ħadd ikun jrid li jsirlu bankina ġdida. Maria Natoli talbet ukoll biex terġa issir talba għal "zebra crossing" fi Triq il-Knisja viċin ir-residenza ta' Wayde Camilleri.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:45 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju 2013 fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda N18**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 03/06/2013 sa 13/06/2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Nadur Local Council (Transfer) | €2,500.00 | €2,500.00 | | Transfer fom one bank to another | 05/096/13 | | 11915 |
| 2 | Ghaqda Filarmonika Mnarja | €70.00 | €70.00 | | Tickets ghal play tal-Gimgha l-Kbira | 21/05/13 | 71 | 11916 |
| 3 | Lino J Curmi | €25.00 | €25.00 | | Brackets | 06/11/13 | 2896077 | 11917 |
| 4 | Radu Gheorghe | €280.32 | €280.32 | | General Fitness Course | 06/06/13 | 6 | 11918 |
| 5 | Smart Office Supplies Ltd. | €54.81 | €54.81 | | Stationary | 29/05/13 | 13042515/96 | 11919 |
| 6 | Governmeny Property Department | €698.81 | €698.81 | | Rent Payment | 06/04/13 | 1090740 | 11920 |
| 7 | Joseph Mercieca | €80.00 | €80.00 | | Security during Mother's Day Open Market | 1.6.13 | 1346335 | 11921 |
| 8 | HILITE | €21.95 | €21.95 | | Cover for Water Tank | 15/05/13 | 330 | 11922 |
| 9 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €27.49 | €27.49 | | Contract Management Fee | 27/05/13 | 1985 | 11923 |
| 10 | Permanent Secretary | €50.00 | €50.00 | | Advert | 22/05/13 | | 11924 |
| 11 | Gino Sultana Supplies | €18.50 | €18.50 | | Plastic Cups | 13/05/13 | 10961 | 11925 |
| 12 | Gemma Zammit | €140.00 | €140.00 | | Day Centre Organiser | 30/05/13 | | 11926 |
| 13 | M'Rose Grima | €120.00 | €120.00 | | Day Centre Helper | 30/05/13 | | 11927 |
| 14 | M'Concetta Mifsud | €120.00 | €120.00 | | Day Centre Helper | 30/05/13 | | 11928 |
| 15 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €96.62 | €96.62 | | Contract Management Fee | 31/05/13 | 1995 | 11929 |
| 16 | K.I.P Ghawdex Ltd. | €2,416.63 | €2,416.63 | | Monthly Refuse Collection May 2013 | 31/05/13 | 15717 | 11930 |
| 17 | Anthony Mercieca | €143.41 | €143.41 | | Bulky Refuse Collection May | 31/05/13 | 794 | 11931 |
| 18 | Marthese Caruana | €273.35 | €273.35 | | Cleaning services april - may & maritime museum | 31/05/13 | | 11932 |
| 19 | Anton Said | €28.00 | €28.00 | | Maritime Museum, 4 hours | 29/05/13 | | 11933 |
| 20 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 11934 |
| | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,164.89** | **€7,164.89** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Minuti 18

**Kunsill Lokali: Nadur** **Skeda N18**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 03/06/2013 sa 13/06/2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Tac-Callu Turnkey Comtractor | €866.28 | €866.28 | | Xoghol ta' bini tas-sejjiegh Ramla Road Nadur | 30/04/13 | 1d/2013 | 11935 |
| 22 | George Grech | €335.00 | €335.00 | | Changing of locks etc. | 21/05/13 | | 11936 |
| 23 | Marvn Camilleri | €161.50 | €161.50 | | Hali Playing Field & San Blas Garden Maintenance | 06/04/13 | 19 | 11937 |
| 24 | Josef Camilleri | €104.50 | €104.50 | | Ta' Kenuna Garden | 06/04/13 | 20 | 11938 |
| 25 | P&J Debono Const. Ltd. | €134.96 | €134.96 | | Konkos | 31/05/13 | 16145 | 11939 |
| 26 | Road Construction Co. Ltd. | €90.00 | €90.00 | | Cold mix (bags) | 21/05/13 | 11780 | 11940 |
| 27 | Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | | Public Convenience Maintenance North Street | 06/04/13 | 8664096 | 11941 |
| 28 | Alka Ceramics | €41.30 | €41.30 | | Ceramic Street Names | 25/04/13 | 5736 | 11942 |
| 29 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | VOID | 11943 |
| 30 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | VOID | 11944 |
| 31 | John Ivan Xuereb | €1,350.00 | €1,350.00 | | General hand and sweeping May 2013 | 05/06/13 | 18927/18926 | 11945 |
| 32 | Nadur Parish | €255.00 | €255.00 | | Imnarja Dinner | 17/06/13 | | 11946 |
| 33 | Joanne Xuereb | €68.40 | €68.40 | | Curtain fabric and work | 30/05/13 | 54417 | 11947 |
| 34 | Charles Mifsud | €190.00 | €190.00 | | May Street Sweeping Xaghri Area | 29/05/13 | | 11948 |
| 35 | P&J Debono Construction Ltd. | €935.45 | €935.45 | | Konkos Dahlet Qorrot | 10/06/13 | 16204 | 11949 |
| 36 | Carmel Mifsud | €1,081.88 | €1,081.88 | | Hajt f'dahlet qorrot | 31/05/13 | 187 | 11950 |
| 37 | Joseph Camilleri | €26.45 | €26.45 | | Hardware supplies | 11/06/13 | 1802 | 11951 |
| 38 | Lepeirks Travel Ltd. | €139.00 | €139.00 | | Bus transfers | 07/06/13 | 185 | 11952 |
| 39 | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Diesel Allowance | 31/05/13 | | 11953 |
| 40 | Joseph Cauchi | €211.00 | €211.00 | | Gnien il-Kunsill & Toilet Gnien il-Kunsill Maintenance May | 05/05/13 | 66 | 11954 |
| | | **€6,280.97** | **€6,280.97** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€7,164.89** | **€7,164.89** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€13,445.86** | **€13,445.86** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda N18**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 03/06/2013 sa 13/06/2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Gatt Tarmac | €2,374.77 | €2,374.77 | | Cold Asphalt Supply | 31/05/13 | 1240 | 11955 |
| 42 | Joseph Cauchi | €211.00 | €211.00 | | Gnien il-Kunsill & Toilet Gnien il-Kunsill Maintenance April | 06/05/13 | 65 | 11956 |
| 43 | Gemma Zammit | €50.00 | €50.00 | | Transport Harge Anzjani | 24/05/13 | | 11957 |
| 44 | J de Bono Printing Press Ltd. | €41.30 | €41.30 | | Printing of posters | 27/05/13 | 8686 | 11958 |
| 45 | Peter Paul Said | €2,316.55 | €2,316.55 | | Work with cherry picker, dumper, compressor wtc | 05/03/13 | 3204/3212/3206/3211/3205 | 11959 |
| 46 | B.C.D Graphics Ltd. | €126.00 | €126.00 | | Posters- colour- wirja argaraja | 02/06/13 | 3923 | 11960 |
| 47 | Peter Paul Buttigieg | €104.00 | €104.00 | | Website maintenance | 02/06/13 | 107 | 11961 |
| 48 | Rapa Showrooms Co. Ltd. | €39.80 | €39.80 | | Hardware Supplies | 05/06/13 | 18199 | 11962 |
| 49 | Carmel Mifsud | €447.22 | €447.22 | | Hire of truck & hire of jigger | 31/05/13 | 186 | 11963 |
| 50 | Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | | Sweeping of San Blas Street May | 03/06/13 | 10 | 11964 |
| 51 | Mario Cardona | €118.75 | €118.75 | | Public Convenience Maintenance May 2014 | 03/06/13 | 30 | 11965 |
| 52 | Road Construction Co. Ltd. | €120.00 | €120.00 | | Cold mix (bags) | 23/05/13 | 11795 | 11966 |
| 53 | Franklin Cardona | €55.00 | €55.00 | | Distribtuion of Newsletter | 04/06/13 | | 11967 |
| 54 | Hermine Anna Sammut | €3,000.00 | €3,000.00 | | Raw materials and work | 03/06/13 | 7 | 11968 |
| 55 | ARMS Ltd | €130.00 | €130.00 | | Electricity | 30/06/13 | | 11969 |
| 56 | Azzopardi Supermarket | €138.06 | €138.06 | | Supplies for Mnarja Activities | 17/06/13 | 4944 | 11970 |
| 57 | Compass Group Ltd. | €1,240.29 | €1,240.29 | | Insurance | 05/02/13 | QTE718331/28/36 | 11971 |
| 58 | GO plc | €158.21 | €158.21 | | Telephone Bill | 17/06/13 | 3309612/715 | 11972 |
| 59 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | VOID | 11973 |
| 60 | Gatt Tarmac ltd | €13,163.67 | €13,163.67 | | Old Mill St 20% | 31/05/13 | | 11974 |
| | | **€24,009.12** | **€24,009.12** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€13,445.86** | **€13,445.86** | | | | | |
| | **Total** | **€37,454.98** | **€37,454.98** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Minuti 18

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda N18**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 03/06/2013 sa 13/06/2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Rober Grech A&CE | €692.82 | €692.82 | | Old mill Street | 31/05/13 | | 11975 |
| 62 | Mario Cassar | €112.57 | €112.57 | | Flag servicea | 15/06/13 | | 11976 |
| 63 | Charles Said | €1,006.63 | €1,006.63 | | Allowance | 30/06/13 | | 11977 |
| 64 | Eucharist Camilleri | €408.00 | €408.00 | | Allowance | 30/06/13 | | 11978 |
| 65 | Dr Rita Mifsud | €240.00 | €240.00 | | Allowance | 30/06/13 | | 11979 |
| 66 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 30/06/13 | VOID | 11980 |
| 67 | Josianne Cutajar | €480.00 | €480.00 | | Allowance | 30/06/13 | | 11981 |
| 68 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 30/06/13 | VOID | 11982 |
| 69 | Maria Natoli | €480.00 | €480.00 | | Allowance | 30/06/13 | | 11983 |
| 70 | Therese Finger | €1,031.82 | €1,031.82 | | June Salary | 30/06/13 | | 11984 |
| 71 | Saviour Xiberras | €1,388.18 | €1,388.18 | | Salary & ovetime | 30/06/13 | | 11985 |
| 72 | Commissioner of Inland Revenue | €2,175.36 | €2,175.36 | | June | 30/06/13 | | 11986 |
| 73 | Rita Mifsud Attard | €1,619.65 | €1,619.65 | | Salary | 30/06/13 | | 11987 |
| 74 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | | Quote Advert Wine Festival | 07/01/13 | | 11988 |
| 75 | Nadur Local Council Petty Cash | €116.47 | €116.47 | | Petty Cash Float | 02/07/13 | | 11989 |
| 76 | EDEN Membership | €500.00 | €500.00 | | EDEN membership | 16/08/12 | 120043 | 11990 |
| 77 | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€10,260.82** | **€10,260.82** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€37,454.98** | **€37,454.98** | | | | | |
| | **Total** | **€47,715.80** | **€47,715.80** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier